**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit.

## Seduta ta' nhar il-Gimgha, 6 ta' Lulju, 2001

**Numru 13**

**Avviz. numru 308/01JR**

**Franco Grech ghan-nom ta' Martin Autoparts Co Ltd**

**vs**

**Frankie Mercieca**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-4 ta' Mejju, 2001, fejn intalab il-hlas ta' mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250.00), bilanc minn soma akbar , import ta' hames (5) kambjali minnu ffirmati u accettati, u li mmaturaw f'Novembru, 1999 sa April 2000.**

**Bl-ispejjez, inkluzi tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut deher fis-seduta tal-31 ta' Mejju 2001, ammetta t-talba u talab zmien ghal pagament.**

**Ghaldaqstant fuq ammissjoni t-Tribunal jilqa t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas l-ammont ta' mitejn u hamsin lira (Lm250.00), bl-imghaxijiet legali mit-30 ta' April 2000, b'dana illi l-hlas jista jsir ratealment f'rati ta' hamsin lira (Lm50.00) fix-xahar. L-ewwel pagament ghandu jsir sa mhux aktar tard mit-28 ta' Lulju 2001 u sussegwentement fit-28 ta' kull xahar konsekuttiv sakemm jinqata l-ammont kollu dovut. B'dana pero' illi jekk il-konvenut jonqos f'pagament wiehed is-socjeta' attrici tkun tista tipprocedi fuq il-bilanc intier li jkun dovut.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju ghandu jigu sopportati mill-konvenut skon il-ligi.**

**Avv Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**